MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

28 ta' April 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Yanica Sammut – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.31pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Giorgio Schembri u l-Avukata Helen Caruana li daħal ftit tard.

Hu beda billi qal li l-laqgħa qed titmexxa mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Yanica Sammut minħabba li bħalissa s-Segretarji Eżekuttivi kollha għaddejjin bi strajk. F'ittra lis-Sindku is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għalkemm id-dover tagħha hu primarjament lejn il-Kunsill tħoss li għandha timxi mal-għajta komuni tal-għaqda li hi tifforma parti minnha. Is-Sur Cordina spjega kif il-Kunsill Lokali Ħ'Attard għandu Deputat Segretarju Eżekuttiv u għalhekk setgħet issir il-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Is-Sindku qal li kien hemm imejl t'apoloġija mingħand il-Viċi-Sindku, is-Sur Alex Mangion.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Il-Perit Giorgio Schembri u l-Avukat Helen Caruana daħlu f'dan il-mument 05.36pm.
Il-minuti tal-laqgħat 24 u 25 ġew approvati.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

26.3.1 *Life Insurance*

Is-Sur Cordina qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għamlet ftehim fuq *life policy* għal dawk inqas minn 70 sena fejn jekk xi membru tal-Kunsill jiġi nieqes il-familjari jibbenefikaw minn €30,000. Dawk il-membri bejn it-18 u l-65 sena jħallsu €65 filwaqt li dawk l'fuq minn 65 sena iħallsu €340 bl-ispiża totali tkun ta' madwar €1070. Is-Sur Cordina saqsa jekk hemmx qbil komuni biex din issir. Kulħadd qabel.

26.3.2 *Approvazzjoni ta' Rapport dwar l-għażla ta' Assistent Prinċipal*

Is-Sur Stefan Cordina qal li xtaq ikellimhom fuq l-interview ta' Karen Fsadni li saret fit-23 ta' April 2021. Hu qal li dan kien digà ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti nru. 25 u li preżenti għal din l-interview kien hemm is-Sur Remigio Bartolo u l-Avukat Helen Caruana flimkien miegħu u s-Segretarju Eżekuttiv. Saru mistoqsijiet min-naħa tagħhom. Din l-interview kienet kontinwazzjoni sabiex is-Sinjura Fsadni tiġi ngaġġata fi skala 11 u hi irrispondiet il-mistoqsijiet kif jidher fir-rapport li qed jiġi preżentat.

Għalhekk, qal is-Sur Cordina, pratikament jistgħu jipproċedu għall-approvazzjoni tar-rapport imma qabel saqsa lis-Sinjuri Bartolo u Caruana jekk jixtiequx jgħaddu xi kumment. Is-Sur Remigio Bartolo qal li m'għandux xi jżid fis-sens li kif kompliet l-Avukata Caruana is-Sinjura Fsadni ġiet mistoqsija sett ta' mistoqsijiet jekk hix lesta li tieħu dan ir-rwol ġdid, jekk hix

ippreparata, jekk hix lesta li tieħu r-responsabbiltà u rrispondiet b'mod adekwat, li m'hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u kollha kellhom kliem ta' tifħir dwarha, allura ma tarax għala m'għandhiex tiġi magħżula. Is-Sur Remigio Bartolo qabel mija fil-mija mal-Avukat Caruana u kompla billi qal li dak li ġiet mistoqsija irrispondiet kif kellha tirrispondi.

Ħadd ma sab oġġezzjoni. Ir-rapport ġie approvat.

Is-Sindku irringrazzja lis-Sinjuri Bartolo u Caruana tad-disponibilità tagħhom.

26.3.3 *Tender Accountant*

Is-Sur Cordina qal li saret l-Evalwazzjoni u ġie aġġudikat mill-Kunsilliera Caruana u Bartolo u s-Sur Christopher Falzon, Segretarju Eżekuttiv tal-Qrendi it-tender tal-*Accountant.* L-irħas offerta eliġibbli bir-rekwiżiti kollha kienet dik ta' Borg Galea Audit Limited. Is-Sur Galea saqsa jekk kienx l-istess tas-snin ta' qabel. Is-Sindku qal li le u dan għax il-Kunsill kellu jmur fuq l-irħas offerta minn 10 bidders. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

26.3.4 *Skema Computer Servicing*

Is-Sindku qal li s-sena l-oħra kien hemm offerta waħda mingħand The Notebook Centre għall-skema ta' *servicing* ta' PC's. Hu kompla jgħid li din is-sena dan ma setax isir hekk u mnalla kellhom gwida tajba għax kienu jmorru kontra r-regolamenti tal-*procurement*. Il-kwotazzjonijiet kienu: Forestals li ta prezz ta' €87 għal kull servizz u mhux prezz globali kif xtaqna. The Notebook Centre offra l-istess pakkett €4995 eskluż VAT. Dan irħas minn Forestals u jekk imorru r-residenti kollha ta' Ħ'Attard il-kont jitla' €431,000. Hemm kwotazzjoni oħra tal-AtoZ Electronics li kwota €4990 eskluż VAT hu l-irħas wieħed. Is-servizz se jingħata minn Ħal-Qormi. Is-Sur Cordina qal li The Notebook Centre qatt ma ta data fuq kemm marru nies imma ċifra biss. Biex inkunu iktar trasparenti u jkun hemm kontroll fuq l-ammonti hu propona li jsir biljett li jinġabar mill-Kunsill u dak li jkun jinqeda bih. L-Avukat Caruana qalet li minn *feedback* li kellha The Notebook Centre qeda lin-nies sewwa. Saqsiet jekk il-kwotazzjonjiet tinkludux ukoll l-iskejjel u l-ħwienet. Is-Sur Cordina qal li l-istess imejl intbagħtet lill-kulħadd allura tinkludi l-istess affarijiet bħal qabel. L-Avukat Caruana talbet spjega fuq din is-sistema li jekk fehmet sew in-nies iridu jiġu fiżikament l-Uffiċċju biex jiġbru biljett u qalet li ma tarahiex idejali. Hu qal li xi Sistema jrid ikun hemm żgur għax ma jistax ikun li kif qal hu marru 784 persuna. Hu kien qal li s-servizz jiswa €100 u ma jistax ikun li dan tilef bl-ammont jitla' €78,400. Il-Perit Schembri qal li jekk tieħu l-offerta preżenti li tefa' l-€4995 jiġi €6.37 kull persuna li meta tipparaguna ma' offerti oħrajn jiskanta kif reġa' tefa' offerta hekk. Wara diskussjoni kemmxejn fit-tul ġie deċiż li jmorru fuq l-irħas, għal AtoZ, il-ħlas jinqasam fi tnejn, tinġabar xi forma ta' data bażika u jiġi ċċekjat jekk jistax jingħata servizz minn Ħ'Attard imma jipproċedu bl-AtoZ.

26.3.5 *Tismija ta' 4 toroq ġodda*

Is-Sur Cordina qal li hemm talba sabiex 4 toroq ġodda l-*area* ta' Triq Dun Gwann Theuma, fejn kien hemm dik il-kontroversja sħiħa fuq l-għoli tal-bini u jissemmew kif ġej:

Triq Mons. Pietro Dusina li fired lil Ħ'Attard minn Birkirkara u Ħ'Attard sar Parroċċa.

Triq Mons. Pawl Pace, li kien minn Ħ'Attard u għex Ħ'Attard
Triq San Ġorġ Preca, msemmi ma' Malta kollha għat-twaqqif tal-fondazzjoni tal-Mużew
Triq Mons. Ġużeppi Dalmas, Kappillan għal 30 sena

Is-Sur Galea saqsa jekk jistgħux jissemmew għall-ex-Sindki u Kunsilliera mejta. Is-Sur Cordina qal li m'hemmx ismijiet biżżejjed.

L-Avukat Silvio Brincat daħal f'dan il-mument 6.11pm

Is-Sinjuri Galea u Bonnici ma qablux mal-isem ta' Mons. Ġużeppi Dalmas. Is-Sur Galea reġa' tenna li jixtieq isemmi għall-ex-Sindki, Kunsilliera u Surmastijiet tal-baned. Is-Sur Cordina beda bl-ismijiet wieħed wieħed u qara synopsis fuq kull wieħed. L-Perit Schembri ma qabilx fuq l-isem Norbert Pace għall-din l-*area* partikolari imma jarrah iktar per ezempju adattat maċ-Ċentru tar-raħal. Is-Sur Bartolo qabel mal-Perit Schembri. Kien hemm diskussjoni fuq l-ismijiet u għala kif qalet l-Avukat Caruana ma tħossx li għandhom jissemmew xi toroq għall-Kunsilliera imma li fl-opinjoni tagħha aħjar Sindki biss. Is-Sur Bartolo qal ukoll li jaqbel ma' dawk l-4 ismijiet. Is-Sur Brincat talab *recap* minħabba li daħal ftit tard minħabba problema ta' konnessjoni. Hu saqsa jekk dawn l-ismijiet ingħatawx ġa l-ismijiet lill-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq. Is-Sur Cordina qal li dawn qed jiġu suġġeriti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul intalbet proposta għall-isem ieħor: Dun Leonardu Micallef li kien l-ewwel Kappillan. Is-Sur Bartolo qal li għandhom jibqgħu fuq l-ismijiet oriġinali u dan mhux għax għandu oġġezzjoni fuq l-isem propost issa imma għax appuntu m'għandux oġġezjoni fuq l-4 ismijiet originarjament proposti.

Kien hemm qbil unanimu fuq l-ewwel tliet ismijiet.
Għaddew għall-votazzjoni fuq:

Dun Leonardu Micallef: 3
Monsinjur Ġużeppi Dalmas: 5

Il-proposta għaddiet fuq l-ismijiet hekk kif imsemmija fil-bidu.

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.4.1 John Bonnici

- Saqsa jekk hemmx xi regola fuq il-ħsejjes mill-barriera ta' Bilven. Is-Sindku qal li r-regola tax-xogħol hi minn tlugħ ix-xemx sa nżul ix-xemx imma jekk isir rapport l-għassa bħal ma ġieli għamel hu ikun aħjar. Qal ukoll li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed iħaffru l-mina u jekk ir-residenti huma ċerti li l-ħsejjes ġejjin minn hemm isir rapport imma jekk le inutli wieħed jippunta subgħajh.

26.4.2 Victor Galea

- Talab biex it-toroq jerġa' jibdew jixxarbu ħa jitnaqqas it-trab u semma li bħalissa hemm nuqqas ta' aċċess għad-djar tan-nies. Is-Sur Cordina qal li hu wkoll biex imur sar Rabat għandu dawra kbira u li dan hu parti mill-pakkett li kien ġie diskuss fejn ix-xogħol b'xi mod irid jitlesta. Il-Perit Schembri qal li ma jistax ikun li kuntrattur għaddej b'pass

mgħaġġel u ieħor jitfa' erba' ħaddiema u mwaħħlin hemm. Kompla li jgħid li dawn qabdu kollox f'daqqa u ma ħallewx aċċess. Is-Sur Cordina qal li dawn l-ilmenti m'hemmx għalfejn jistennew xahar biex jitressqu u iva anka hu għandu problemi biex kif qal il-Perit Schembri sempliċement jagħti l-petrol lill-karozza imma x-xogħol irid isir. Għalhekk talab lill-Perit Schembri iniżżel il-punti kollha, jibgħathom imejl u jew bħalha uffiċċjal inkarigat jissettjata laqgħa u jara ma' IM. Is-Sur Cordina qal li IM dejjem semgħu l-ilmenti kollha tal-Kunsill.

26.4.3 Giorgio Mario Schembri

- Qal li waqt is-seduta tal-PA dwar *open space/open theatre, Ta' Qali* ressaq il-punti kollha kif ġew diskussi internament. Qal li l-proġett għadda imma propona li jintalbu l-Minuti tas-seduta. Is-Sur Cordina qal li dawn ġa ġew mitluba.

26.4.4 Silvio Brincat

- Semma l-inkonvenjent tan-nies biex jaqbdu t-Trasport Pubbliku fi Triq l-Imdina ma' dak li semma' Giorgio. Huwa qal li jekk ikun hemm laqgħa hu jiġi. Xi membri oħra wkoll wrer interess. Is-Sur Cordina qal li kif jitlestew il-punti kollha mill-Perit Schembri u l-Kunsilliera jibgħatu l-punti tagħhom lis-Segretarja u din tgħaddi imejl formali lill-IM.

## 26.5 Rapporti

26.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 26.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

26.6.1 ***Riżoluzzjoni 6 Skema ta' finanzjament, aċċessibilità u mobilità SPI/SCI/3/2020***.
F'din l-applikazzjoni l-Kunsill se jitlob biex jingħata fondi sabiex tingħalaq Triq il-Linja f'ċertu ħinijiet, isir *vertical wall* faċċata ta' Ġnien Misraħ Kola filwaqt li tingħata dehra isbaħ liż-żona.
Helen Caruana Proponent u Stefan Cordina Sekondant

26.6.2 ***Riżoluzzjoni 7*** sabiex meta jinfetaħ l-kont bankarju ġdid ***Other Creditors*** ikun aċċessibli fit-24X7.

26.6.3 ***Riżoluzzjoni 8*** sabiex il-Kunsill Lokali Ħ'Attard jaqbel li japplika għall-fondi taħt l-iskema SPI/SCI/4/2021 Korsijiet *Lifelong Learning 2021/2022* offruti mid-Direttorat għar-Riċerka u Tagħlim Tul il-Ħajja.
Giorgio Mario Schembri, Proponent u Stefan Cordina, Sekondant

26.6.4 ***Riżoluzzjoni 9*** sabiex il-Kunsill Lokali Ħ'Attard jaqbel li japplika għall-fondi tal-LESA taħt skema li fiha se jintalab l-ammont approssimattiv ta' €109,000 sabiex il-Kunsill ikollu kopert il-ko-finanzjament tal-proġett tal-Uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill.
Victor Galea, Proponent u Stefan Cordina, Sekondant

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

26.7.1 L-Avukat Caruana staqsiet fuq item 22 Bonnici's Press. Is-Sindku qal li dan hu xogħol li sar f'Diċembru li kien jinkludi kemm il-kalendarju u l-fuljett u li qed jitħallas f'April għax l-fattura ntilfet.

L-Avukat Caruana staqsiet ukoll fuq item 51 *flexible bollards.* Is-Sur Cordina qal li dawn saru għax kif tlestiet ġardina ta' Fġieni, din kissruha u wera xi ritratti.

Il-pagament ġew approvati.

## 26.8 Mozzjonijiet; u

26.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 26.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.12pm u ġiet aġġornata għat-26 ta' Mejju 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Mejju 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv